MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru. 13/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

Pauline Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonjiet kontra l-imputata Pualine Grech, karta ta’ identita’ numru 356065(M), jakkusawa talli fit-18 ta’ Ottubru, 2000 u fil-gimghat precedenti, fuq ix-Xatt ta’ Pinto, u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. ghamlet uzu xjentement ta’ marki, sinjali, tabelli jew emblemi NIKE u ADIDAS li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew bieghet merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema jew wahhlet deskrizzjoni kummercjali flaza, jew bieghet, zammet jew

importat ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbha – bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qligh, jew bi skop ta’ kummerc, bieghet, ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe’ hwejjeg bil-marka NIKE u ADIDAS bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur ta’ persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahta – bi ksur ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil Pauline Grech ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta mill-imputata;

Semghet ix-xhieda, inkluz dik guramentata tal-imputata;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-prodotti inkriminati jikkonsistu fi flokkijiet tal-marka Adidas u Nike li l-prosekuzzjoni tallega li mhumiex genwini. L-ammont ta’ flokkijiet ghandu jigi puntwalizzat hu f’numru relattivament esigwu, konsistenti f’28 flokk bil-marka Adidas u 3 bil-marka Nike. Pero’ l-fatt tal-falsita’ tal-indumenti jikkostitwixxi l-bazi tal-proceduri odjerni fejn l-imputata qeghdha tigi akkuzata b’qerq fil-kummerc taht l-Artikolu 298(1) u bi ksur ta’ drittijiet ta’ l-awtur taht l-Artikolu 298B.

Issa huwa wisq car li l-akkuza sakemm hi bazata fuq l-Artikolu 298B tal-Kap 9 ma treggix stante li mhux supportata bil-kwerela tal-parti leza li mkien mill-atti ma tirrizulta anzi ghandu jirrizulta li l-ebda kwerela ma saret u lanqas kienet ser issir.

Dwar l-akkuza sostnuta fuq l-Artikolu 298(1) huwa fatt ben pruvat li l-flokkijiet kienu esposti ghal bejgh fuq tilar post fil-vicinanzi ta' Pinto Wharf u hu indubitat illi jirrisulta fl-imputata l-iskop ta' qligh u kummerc. Dan wahdu pero' mhux sufficjenti biex treggi l-akkuza taht dan l-Artikolu billi kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova wkoll ix-scienter fl-imputata u n-non awtenticita' tal-flokkijiet. Fuq l-iskorta tal-provi dawn iz-zewg elementi kardinali biex treggi l-akkuza taht dan il-kap wkoll ma gew sufficentement pruvati. Mill-provi anzi jirrisulta li l-imputata xtrat il-flokkijiet bhala genwini u m'hemm xejn li jindika jew li jista' jaghti kredenza lil fatt li l-imputata kienet taf jew setghet kienet taf li ma kienux genwini, dato ma non concesso, li tali flokkijiet kienu fil-fatt mhux genwini. F'dan ir-rigward ix-xhieda tad-distributuri lokali tal-marki mhiex konklusiva fil-fehma ta' dan il-Qorti stante illi minn imkien ma rrisulta d-data tal-manifattura tal-istess flokkijiet liema prova ghandha certa rilevanza ghal kaz in disamina minhabba li l-istess xhieda jikkonfermaw li l-ispecifikazzjonijiet tal-marki perjodikament jinbiddlu mill-manifatturi stess.

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputata hatja u kwindi tilliberaha minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------